# RIFLESSJONI GĦALL-KARNIVAL

F'xi pajjiżi oħrajn barra minn Malta, fi żmien il-karnival, il-parroċċi u l-għaqdiet jorganizzaw attivitajiet spiritwali u anke rtiri sabiex joffru alternattivi ta' valur spiritwali lil min ma jkunx irid jieħu sehem fil-karnival.

Anke jekk nieħdu sehem fil-karnival, huwa importanti li ma nitilfu xejn mid-dinjità ta' żewġ qaddisin, li jistgħu jgħinuna għal dawn il-jiem. Sant Injazju minn Lojola, il-fundatur tal-Ġiżwiti, jagħmel riflessjoni fuq id-dnub fil-ktieb tiegħu "L-Eżerċizzi Spiritwali". Jagħmel tliet mistoqsijiet li huma ta' siwi għalina:




1. Jien x'għamilt għal Kristu?
2. X'jien nagħmel bħalissa għal Kristu?
3. X'għandi nagħmel għal Kristu?

It-tweġibiet li nagħtu għal dawn il-mistoqsijiet jistgħu jiskattaw fina programm ta' ħajja li jħalli ħafna ġid fl-eżistenza tagħna. Il-karnival jiġi u jmur. Kristu jibqa' għal dejjem u l-ferħ li jagħtina Hu, hu ferħ għal dejjem.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## TBERIK

Dawk li jixtiequ jbierku fi żmien l-Għid ta' din is-sena, jekk jogħġobhom jimlew il-formola ta' hawn taħt:

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

Numru tat-telefown jew mobile: ______________________________

Email: ______________________________

## L-AVVIŻI:

**NOFSTANHAR IRTIR:** organizzat mill-fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika tan-Nadur nhar il-Ħamis 23 ta' Frar mid-9:00 sal-11:00am fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku. Titilfux din l-okkażjoni fil-bidu ta' dan ir-Randan Imqaddes li jissejjaħ: **Żmien qawwi ta' Grazzja.**

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 23 ta' Frar ser iżżur l-anzjani fil-home San Lawrenz u wara se żżur id-Dwejra għall-kafè. Tluq fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153

**2 CD'S GĦALIK:** qegħdin inqassmu xi kopji li fadal ta' żewġ CDs: "Ir-Rebħa tal-Appostli Pietru u Pawlu" u l-live recording ta' Akkademja Mużiko-letterarja li saret fl-2004. Il-kopji qed jingħataw gratis. Kellmu lil xi ħadd fl-Uffiċċju Parrokkjali jew lill-arkivista Daniel Meilak.

**QUDDIES FIL-KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ:** is-saċerdoti li jqaddsu fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù huma dawn: It-Tnejn u l-Erbgħa: l-Arċipriet. It-Tlieta: il-Kan. Loreto Tabone. Il-Ħamis: Mons. Salv Grima. Il-Ġimgħa: Dun Mark Bonello. Is-Sibt: Mons. Ġużeppi Attard. Il-Ħadd: Kan. Carmelo Portelli. Fost il-ġimgħa l-quddies ikun fil-11:00am u l-Ħadd ikun fis-7:00am.

**GRAZZI MILL-QALB:** Nirringrazzjaw lil parruċċana li offriet li tħallas €5,600 biex jiġu rrestawrati sett gandlieri tal-injam, tal-artal ta' Sant Antnin. Permezz ta' persuni ġenerużi li għandhom għal qalbhom il-patrimonju artistiku tal-knisja, insalvaw il-wirt li għamlu missirijietna b'tant imħabba u sagrifiċċji.

**GĦOTI TAD-DEMM:** fil-Berġa tax-Xewkija nhar it-Tlieta 21 ta' Frar mis-1:00pm sal-5:00pm segwit minn sessjoni oħra l-Ħadd 26 ta' Frar mit-8:00am sas-1:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am